DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2059

tat-30 ta' Settembru 2025

dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kuntratti mogħtija għal attivitajiet relatati mal-forniment ta' ċerti servizzi postali u servizzi oħra għajr is-servizzi postali fl-Estonja

(notifikata bid-dokument C(2025) 6542)

(It-test bl-Estonjan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 35(3) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku,

Billi:

1. FATTI

(1) Fl-1 ta' April 2025, ir-Repubblika tal-Estonja, irrappreżentata mill-Ministeru għall-Finanzi, issottomettiet talba lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2014/25/UE ("it-talba") f'isem AS Eesti Post ("Eesti Post" jew "l-applikant"), li hija l-impriża li twettaq l-attivitajiet koperti fit-talba. Kif meħtieġ mill-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804, ([2]) it-talba fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(2) L-applikant huwa fornitur ta' servizzi postali fl-Estonja u entità kontraenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/25/UE. Eesti Post hija l-uniku fornitur ta' servizzi universali fl-Estonja ([3]). It-talba tikkonċerna attivitajiet relatati mal-forniment ta' ċerti servizzi postali u servizzi oħra għajr is-servizzi postali, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1), il-punti (a) u (b) u fl-Artikolu 13(2), il-punti (b) u (c) tad-Direttiva 2014/25/UE, ipprovduti mill-applikant fit-territorju tal-Estonja. Is-servizzi kkonċernati, kif deskritti fit-talba, huma dawn li ġejjin:

(a) is-servizzi ta' konsenja domestika tal-pakketti (standard u express);

(b) is-servizzi ta' konsenja internazzjonali (standard u express) tal-pakketti ('il ġewwa, 'il barra);

(c) is-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ;

(d) is-servizzi tal-loġistika minn partijiet terzi u kwarti (negozju internazzjonali).

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/25/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikoli 34 u 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2016/1804/oj).

([3]) Is-servizz postali universali fl-Estonja jikkonsisti fis-servizzi postali domestiċi u internazzjonali li ġejjin: il-bgħit ta' oġġetti ta' korrispondenza b'ittri li jiżnu sa 2 kg bħala oġġetti postali regolari, irreġistrati u assigurati; il-bgħit ta' pakketti postali li jiżnu sa 20 kg bħala oġġetti postali rreġistrati u assigurati (ara UPT tüüptingimused_alates 01.05.2020). Dawn il-prodotti jaqgħu fi ħdan it-talba għas-servizzi tal-pakketti kemm domestiċi kif ukoll internazzjonali kkonsenjati permezz tan-network tal-Unjoni Postali Universali. Ara l-emails tal-applikant datati t-3 u t-8 ta' Settembru 2025.

(3) Rigward il-kategorija "servizzi ta' konsenja internazzjonali (standard u express) tal-pakketti ('il ġewwa, 'il barra)", wara diversi skambji mal-Kummissjoni, l-applikant indika li, wara li rrieżamina l-kategorija, ma xtaqx li jinkludi aktar is-servizzi ta' konsenja internazzjonali express tal-pakketti fl-ambitu tat-talba ([4]). Għalhekk, b'rabta ma' dik il-kategorija ta' servizzi, din id-Deċiżjoni tikkonċerna biss is-servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti (ara l-premessa 22 u t-Taqsima 3.2.1.3).

(4) Fir-rigward tal-kategorija "servizzi ta' konsenja internazzjonali (standard) tal-pakketti", l-applikant jiddikjara li din il-kategorija tinkludi l-konsenja ta' ittri kbar li jkunu jiżnu sa 2 kg li jaqgħu fl-ambitu tas-servizzi postali universali pprovduti minn Eesti Post, peress li dawn l-ittri kbar jistgħu jiġu assimilati *de facto* ma' "pakketti żgħar ħafna" ([5]) kkonsenjati internazzjonalment ([6]). Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma tal-applikant li l-ittri kbar u l-pakketti żgħar ħafna jenħtieġ li jkunu parti mill-istess suq; madankollu, jenħtieġ li ssir distinzjoni minn servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti (ara t-Taqsima 3.2.1.4).

(5) Rigward il-kategorija "servizzi tal-loġistika minn partijiet terzi u kwarti (negozju internazzjonali)", wara diversi skambji mal-Kummissjoni, l-applikant irrikonoxxa li d-Direttiva 2014/25/UE ma għadhiex tapplika għall-kuntratti mogħtija biex jiġu eżerċitati s-servizzi tal-loġistika minn partijiet terzi u kwarti, u qabel li l-ambitu tal-eżenzjoni jenħtieġ li jitnaqqas billi titneħħa din il-kategorija mill-ambitu tat-talba ([7]). Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma tikkonċernax dik il-kategorija.

(6) It-talba ma kinitx akkumpanjata minn pożizzjoni motivata u sostanzjata adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti li hija kompetenti b'rabta mal-attivitajiet ikkonċernati. Tali awtorità tanalizza bir-reqqa l-kundizzjoni għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE għall-attivitajiet ikkonċernati, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu. F'konformità mal-punt 1(a) u l-punt 1, it-tieni subparagrafu, tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, meta jitqies li, fil-każ preżenti, l-aċċess liberu għas-swieq huwa preżunt abbażi tal-Artikolu 34(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dik id-Direttiva, u fin-nuqqas ta' pożizzjoni motivata u sostanzjata minn awtorità nazzjonali indipendenti, il-Kummissjoni trid tadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni rigward it-talba fi żmien 105 ijiem ta' xogħol.

(7) F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-punt 1 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, l-iskadenza għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni trid tibda fl-ewwel jum ta' xogħol mid-data li fiha l-Kummissjoni tirċievi t-talba msemmija fl-Artikolu 35(1) ta' dik id-Direttiva jew, meta l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta bit-talba ma tkunx sħiħa, fil-jum ta' xogħol ta' wara li tasal l-informazzjoni sħiħa. Għalhekk, l-iskadenza inizjali skadiet fit-8 ta' Settembru 2025 ([8]). Madankollu, minħabba li l-Kummissjoni kellha bżonn tikseb u teżamina aktar informazzjoni, l-iskadenza ġiet estiża, bi ftehim mal-applikant, sat-30 ta' Settembru 2025 ([9]).

(8) Wara talbiet għal kjarifika mibgħuta mill-Kummissjoni b'email fid-9, fl-14, fit-22, fl-24, fit-28 u fit-30 ta' April 2025; fil-5, fit-8 u fis-27 ta' Mejju 2025; fit-3, fil-5, fl-10, fit-12, fis-16, fid-19 u fl-24 ta' Ġunju 2025; fl-1 u fis-7 ta' Lulju 2025, l-applikant issottometta t-tweġibiet tiegħu u l-informazzjoni addizzjonali b'email fil-11, fis-16, fis-17, fil-25 u fit-30 ta' April 2025; fis-7 u fil-15 ta' Mejju 2025; fit-2, fis-6, fl-10, fit-12, fis-16, fit-18, fid-19, fis-26, fis-27 u fit-30 ta' Ġunju 2025; fit-3 u fid-9 ta' Lulju 2025; fid-29 ta' Awwissu 2025, fit-3, fl-4, fil-5 u fit-8 ta' Settembru 2025.

([4]) L-email tal-applikant datata s-16 ta' April 2025.

([5]) F'konformità mal-konvenzjonijiet tal-Unjoni Postali Universali (ara guidePostalTransportEn.pdf), il-pakketti jiżnu bejn 0 u 20 kg (b'mod fakultattiv 30 kg), filwaqt li l-pakketti żgħar jiżnu bejn 0 u 2 kg. Il-pakketti żgħar ħafna huma kategorija ta' pakketti ta' piż żgħir. Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, il-kategorija ta' "pakketti żgħar ħafna" tinkludi pakketti li jiżnu sa 2 kg u li fihom oġġetti. Għad-deskrizzjoni ta' dawn il-prodotti, ara s-siti web rispettivi tal-operaturi: UPT tüüptingimused _alates 01.05.2020; Kalkulatur – DPD u Prezzijiet tal-pakketti | L-Estonja u l-Ewropa | SmartPosti.

([6]) L-email tal-applikant datata d-29 ta' Awwissu 2025.

([7]) L-email tal-applikant datata s-16 ta' Ġunju 2025.

([8]) Avviż dwar talba li tikkonċerna l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE — Talba magħmula mir-Repubblika tal-Estonja (ĠU C, C/2025/2295, 15.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2295/oj).

([9]) Avviż ta' talba rigward l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE — Estensjoni tal-perjodu għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni (ĠU C, C/2025/5047, 15.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5047/oj).

2. **QAFAS LEGALI**

(9) Id-Direttiva 2014/25/UE tapplika għall-għoti ta' kuntratti għat-twettiq ta' attivitajiet relatati mas-servizzi postali u ma' servizzi oħra bil-kundizzjoni li dawn tal-aħħar jiġu pprovduti minn entità li tipprovdi wkoll servizzi postali skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/25/UE, sakemm l-attività ma tkunx eżentata skont l-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva.

(10) Skont l-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, il-kuntratti maħsuba sabiex jippermettu t-twettiq ta' attività li għaliha tapplika d-Direttiva ma għandhomx ikunu soġġetti għal dik id-Direttiva jekk, fl-Istat Membru fejn titwettaq dik l-attività, din tkun esposta direttament għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess ma huwiex ristrett.

3. **VALUTAZZJONI**

(11) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni legali u fattwali sa Settembru 2025 u fuq l-informazzjoni sottomessa mill-applikant u fuq l-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku. Din tista' tiġi riveduta, jekk bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni legali jew fattwali jfissru li l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

3.1. **Aċċess mhux ristrett għas-suq**

(12) L-aċċess għal suq jitqies bħala mhux ristrett jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun implimenta u applika l-atti legali rilevanti tal-Unjoni li jifthu settur partikolari jew parti minnu għall-kompetizzjoni. Dawk l-atti legali huma elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE, li jinkludi, fir-rigward tas-servizzi postali, id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ([10])

(13) Kif indikat mill-applikant, ([11]) l-Estonja implimentat ([12]) u applikat id-Direttiva 97/67/KE. Konsegwentement, l-aċċess għas-suq rilevanti jitqies li ma huwiex ristrett f'konformità mal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.

3.2. **Esponiment dirett għall-kompetizzjoni**

(14) L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni jenħtieġ li jiġi evalwat abbażi ta' bosta kriterji, li l-ebda wieħed minnhom mhu, *per se*, deċiżiv. Fir-rigward tal-attivitajiet rilevanti kkonċernati minn din id-Deċiżjoni, is-sehem mis-suq tal-atturi ewlenin f'suq partikolari jikkostitwixxi kriterju wieħed li jenħtieġ li jitqies. Billi l-kundizzjonijiet ivarjaw għall-attivitajiet differenti li huma kkonċernati mit-talba, meta tiġi eżaminata s-sitwazzjoni kompetittiva jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjonijiet differenti fis-swieq rilevanti.

(15) Din il-valutazzjoni hija, madankollu, limitata mill-iskadenzi qosra applikabbli u mill-ħtieġa li wieħed jibbaża fuq l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni. Dik l-informazzjoni toriġina jew minn sorsi diġà disponibbli jew mill-informazzjoni miksuba fil-kuntest tat-talba u ma tistax tiġi ssupplimentata minn metodi li jieħdu aktar ħin, inkluż, b'mod partikolari, inkjesti pubbliċi indirizzati lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati. Il-valutazzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni li titwettaq fil-kuntest tad-Direttiva 2014/25/UE hija konsegwentement mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-kompetizzjoni.

([10]) Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1997/67/oj).

([11]) It-talba, il-punt 72. Ara wkoll l-email tal-applikant tat-3 ta' Settembru 2025.

([12]) L-applikant ikkonferma li t-traspożizzjoni inizjali tad-Direttiva 97/67/KE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali Estonjana saret permezz tal-Att Postali (*Postiseadus*) tal-2006 (ref. RT I 2006, 18, 142) li aktar tard ġie sostitwit bl-Att Postali tal-2008 (ref. RT I 2008, 53, 297).

(16) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u għal oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-kriterji u l-metodoloġija użati biex jiġi vvalutat l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE ma humiex neċessarjament identiċi għal dawk użati biex titwettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 101 jew 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, ([13]) kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali f'*Österreichische Post AG vs Il-Kummissjoni* ([14]).

(17) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li jiġi stabbilit jekk l-attivitajiet ikkonċernati mit-talba humiex esposti għal tali livell ta' kompetizzjoni (fis-swieq li l-aċċess għalihom ma huwiex ristrett skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE) li se jiżgura li, anke fin-nuqqas tad-dixxiplina miġjuba mir-regoli dettaljati dwar l-akkwist stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwist għall-eżerċitar tal-attivitajiet ikkonċernati se jsir b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi tal-kriterji li jippermettu lill-akkwirenti jidentifikaw is-soluzzjoni li, b'mod ġenerali, tkun l-aktar waħda ekonomikament vantaġġuża.

3.2.1. *Servizzi postali (servizzi domestiċi tal-pakketti u servizzi internazzjonali standard tal-pakketti)*

3.2.1.1. Definizzjoni tas-suq

3.2.1.1.1. Definizzjoni tas-suq tal-prodotti

(18) F'deċiżjonijiet preċedenti ([15]), il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn is-servizzi ta' konsenja domestika u internazzjonali tal-pakketti. Il-Kummissjoni sostniet li s-servizzi ta' konsenja domestika tal-pakketti huma pprovduti minn kumpaniji li joperaw networks ta' distribuzzjoni nazzjonali filwaqt li l-konsenja internazzjonali tal-pakketti tikkonsisti fil-ġbir ta' pakketti li jridu jiġu ttrasportati u kkonsenjati barra u huma pprovduti minn kumpaniji li għandhom aċċess għal networks fil-pajjiżi destinatarji. Il-pożizzjoni tal-applikant hija konformi mal-prattika tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, l-applikant jiddikjara li fl-Estonja s-servizzi kemm domestiċi kif ukoll internazzjonali standard tal-pakketti jużaw l-istess infrastruttura nazzjonali — fil-biċċa l-kbira n-networks tal-lokers għall-pakketti. Dawn in-networks tal-aħħar jirreferu għas-sistemi integrati ta' punti ta' ġbir u konsenja awtomatizzati tal-pakketti li jinsabu fl-Estonja kollha u li ma humiex parti min-network ipprovdut minn Eesti Post permezz tal-obbligu tas-servizz postali universali ([16]). Dan ifisser li l-pakketti (inklużi l-pakketti żgħar ħafna) jistgħu jidħlu fin-network tal-uffiċċju postali u mbagħad jiġu kkonsenjati permezz ta' network tal-lokers għall-pakketti fl-Estonja (sakemm il-pajjiż tal-oriġini tal-pakkett jippermetti dan) ([17]). Fil-fatt, b'mod differenti mis-servizzi ta' konsenja domestika tal-pakketti, is-servizzi internazzjonali standard tal-pakketti jirrikjedu wkoll ftehimiet fost l-operaturi biex jipprovdu servizzi transfruntieri ([18]). Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-parteċipanti fis-suq li joperaw fl-Estonja jużaw in-networks tagħhom stess għal pakketti limitati għall-pajjiżi Baltiċi, għal vjeġġi internazzjonali jeħtieġ li jiksbu aċċess għan-networks ta' partijiet terzi ([19]).

([13]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/139/oj).

([14]) Is-Sentenza tas-27 ta' April 2016, *Österreichische Post AG vs Il-Kummissjoni*, T-463/14, ECLI:EU:T:2016:243, il-punt 28. Ara wkoll id-Direttiva 2014/25/UE, il-premessa 44.

([15]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3224 tad-29 ta' Novembru 2024 dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kuntratti mogħtija għal attivitajiet relatati mal-forniment ta' ċerti servizzi postali u servizzi oħra għajr servizzi postali fis-Slovakkja (ĠU L, 2024/3224, 23.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/3224/oj); Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1228 tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-għoti ta' kuntratti għall-attività relatata ma' servizzi ta' konsenja express ta' pakketti fil-Litwanja (ĠU L 160, 26.6.2023, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1228/oj), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/737 tas-27 ta' Mejju 2020 dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kuntratti mogħtija għal attivitajiet relatati mal-għoti ta' ċerti servizzi postali fid-Danimarka (ĠU L 172, 3.6.2020, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2020/737/oj); Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1204 tat-12 ta' Lulju 2019 dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kuntratti mogħtija għal ċerti attivitajiet relatati mal-provvista ta' ċerti servizzi postali u ta' servizzi oħra għajr is-servizzi postali fil-Kroazja (ĠU L 189, 15.7.2019, p. 75, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2019/1204/oj). Ara wkoll il-Kawża COMP/M.5152 – Posten AB/Post Danmark A/S, tal-21.4.2009, il-punt 54.

([16]) It-talba, il-punti 34–35.

([17]) It-talba, il-punt 40.

([18]) It-talba, il-punt 34.

([19]) It-talba, il-punt 35.

(19) F'deċiżjonijiet preċedenti ([20]), il-Kummissjoni sostniet ukoll li s-suq għal servizzi ta' konsenja tal-pakketti (kemm domestiċi kif ukoll internazzjonali) jista' jinqasam f'servizzi ta' konsenja express u standard (magħrufa wkoll bħala "differiti"). Din is-segmentazzjoni tqis li s-servizzi express jieħdu anqas ħin u huma aktar affidabbli minn servizz standard, li kull wieħed minn dawk is-servizzi jeħtieġ infrastruttura differenti u li s-servizzi express jinkludu karatteristiċi addizzjonali tas-servizz ta' valur miżjud, bħas-servizzi ta' traċċar u rintraċċar, u ġeneralment ikunu wkoll aktar għaljin.

(20) Fil-każ preżenti, id-diversi strutturi tal-operaturi tas-servizzi postali fl-Estonja jipprovdu ambitu konsiderevoli għas-sostituzzjoni min-naħa tal-provvista bejn is-servizzi ta' konsenja express u standard ([21]). Kemm is-servizzi express kif ukoll dawk standard jużaw networks loġistiċi simili u l-operaturi kollha tas-servizzi postali jużaw l-istess network biex jibagħtu kemm prodotti express kif ukoll prodotti differiti. F'dan ir-rigward, l-istadji ewlenin kollha tal-katina tal-konsenja bħat-trasport għall-ġbir u għall-konsenja, is-separazzjoni, il-kalar u l-iżdoganar tal-merkanzija huma l-istess għall-maġġoranza tas-servizzi express u standard ([22]). B'żieda ma' dan, l-operaturi ewlenin tas-suq joffru lill-klijenti tagħhom konsenja mhux garantita fil-konsenja tal-jum ta' wara kemm għal servizzi express kif ukoll għal dawk standard ([23]).

(21) Min-naħa tad-domanda, l-applikant jissottolinja l-popolarità tal-lokers minn fejn jinġabru l-pakketti li jinsabu f'ċentri differenti tal-popolazzjoni qrib jew ġewwa postijiet kummerċjali madwar l-Estonja kollha (kif ukoll fil-pajjiżi Baltiċi l-oħra), peress li jippermettu konsenja mingħajr kuntatt u flessibbiltà fir-rigward ta' meta l-pakkett jasal għand il-klijent ([24]). Barra minn hekk, il-karatteristiċi addizzjonali tas-servizzi ta' valur miżjud disponibbli għall-konsumaturi, bħas-servizzi ta' traċċar u rintraċċar, huma offruti kważi bl-istess mod bħala parti mis-servizzi ta' konsenja standard u express tal-pakketti ([25]).

(22) Għalhekk, abbażi tal-elementi ta' hawn fuq, sa fejn huwa kkonċernat is-servizz ta' konsenja domestika tal-pakketti, l-applikant huwa tal-fehma li ma jkunx xieraq li dak is-suq jinqasam f'wieħed express u f'ieħor standard, minħabba li hemm ambitu konsiderevoli għas-sostituzzjoni min-naħa tad-domanda u min-naħa tal-provvista ([26]). L-applikant jemmen li jenħtieġ li jkun hemm suq uniku għas-servizzi ta' konsenja domestika express u standard. Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-fehma u tikkonkludi li, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, is-servizzi ta' konsenja express u standard tal-pakketti jappartjenu għall-istess suq. Fir-rigward tas-servizzi ta' konsenja internazzjonali express tal-pakketti, l-applikant jemmen li dawk is-servizzi huma miftuħa għall-kompetizzjoni ([27]); madankollu, peress li dawk is-servizzi huma eskluż mill-ambitu tat-talba, il-Kummissjoni tillimita l-analiżi tagħha għal servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti (it-Taqsima 3.2.1.3).

(23) F'ċerti każijiet tista' tiġi prevista segmentazzjoni ulterjuri għas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti bejn pakketti tal-konsumaturi u pakketti tan-negozji (jiġifieri servizzi ta' konsenja domestika u internazzjonali tal-pakketti privati (C2X) u servizzi ta' konsenja domestika u internazzjonali tal-pakketti tan-negozji (B2X)). Skont l-applikant, fil-każ ta' servizzi ta' konsenja domestika tal-pakketti fl-Estonja, il-kumpaniji kollha jużaw l-istess infrastruttura biex jipproċessaw il-pakketti u biex jipprovdu servizzi lill-konsumaturi (C2X) u lin-negozji (B2X); il-pakketti jiġu separati ċentralment, u jużaw l-istess network ta' linji għat-trasport, li jimplika li ma hemm l-ebda differenza sinifikanti fl-infrastruttura bejn C2X u B2X f'termini ta' kif tiġi ġestita l-konsenja ([28]). L-applikant għamel kunsiderazzjonijiet simili għas-servizzi internazzjonali li jiċċaraw li, b'mod ġenerali, il-biċċa l-kbira tal-pakketti internazzjonali huma relatati mal-kummerċ elettroniku u għalhekk huma parti mis-segment B2X ([29]). Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, is-servizzi C2X u B2X jappartjenu għall-istess suq għas-servizzi ta' konsenja kemm domestika kif ukoll internazzjonali tal-pakketti.

([20]) Id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1228 u (UE) 2020/737, imsemmija hawn fuq.

([21]) F'każ ieħor, il-Kummissjoni qieset li fatturi differenti pprovdew ambitu konsiderevoli għas-sostituzzjoni min-naħa tal-provvista u, għalhekk, waslet għall-konklużjoni li ma kienx meħtieġ li ssir distinzjoni bejn is-servizzi express u dawk standard. Ara, f'dan ir-rigward, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3224, imsemmija hawn fuq.

([22]) It-talba, il-punt 54.

([23]) L-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fis-7 ta' Mejju 2025.

([24]) It-talba, il-punti 65 u 188.

([25]) L-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fis-7 ta' Mejju 2025.

([26]) It-talba, il-punti minn 47 sa 54.

([27]) L-email tal-applikant tal-11 ta' April 2025.

([28]) It-talba, il-punt 190 u l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fis-7 ta' Mejju 2025.

([29]) It-talba, il-punt 102. Ara wkoll il-punti 185 sa 208 tat-talba, fir-rigward tas-servizzi domestiċi tal-pakketti, u l-punti 97 sa 112, fir-rigward tas-servizzi internazzjonali tal-pakketti, fejn l-applikant jipprovdi stimi tas-sehem mis-suq tiegħu stess u tal-kompetituri ewlenin tiegħu.

(24) Fir-rigward tad-distinzjoni potenzjali bejn il-konsenja ta' ittri kbar b'oġġetti li jkunu jiżnu sa 2 kg li jaqgħu fl-ambitu tas-servizzi postali universali pprovduti minn Eesti Post u tas-servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti, abbażi tal-informazzjoni mill-applikant, madwar [95-100] % tal-ittri kbar jintużaw għall-konsenja ta' oġġetti mixtrija online ([30]). L-ixprunatur ewlieni għall-volumi huwa l-bejgħ internazzjonali minn negozji kbar (fil-bidu l-kbira bbażati fiċ-Ċina), filwaqt li l-volumi fis-suq domestiku huma marġinali (anqas minn [0-5] %) ([31]). Skont l-applikant, ([32]) filwaqt li dawn il-prodotti huma kklassifikati bħala ittri kbar minħabba l-użu tan-network tal-Unjoni Postali Universali, jenħtieġ li jitqiesu bħala pakketti *de facto* u bħala alternattiva għal "pakketti żgħar ħafna" pprovduti minn operaturi bħal SmartPosti u DPD. ([33]) Iż-żewġ servizzi huma simili f'termini ta' daqs u funzjonalità u l-livelli tal-prezzijiet huma ġeneralment komparabbli ([34]).

(25) Mill-perspettiva tal-klijent, speċjalment għal oġġetti żgħar tal-kummerċ elettroniku, l-ittri kbar traċċati jipprovdu esperjenza ta' konsenja li hija fil-bidu l-kbira ekwivalenti għal dik tal-pakketti żgħar ([35]). Din tinkludi veloċità tal-konsenja simili, notifiki lill-klijenti, u kapaċitajiet ta' traċċar. Barra minn hekk, anke jekk il-prezzijiet tal-ittri kbar jkunu regolati bħala parti mill-obbligu ta' servizz universali, dan ma jneħħix il-pressjoni kompetittiva mill-pakketti żgħar ħafna, kif juri t-tnaqqis progressiv fis-sehem ta' Eesti Post minn dawn is-servizzi (ara t-Taqsima 3.2.1.4). Minbarra dan, issa l-ittri kbar spiss jiġu ġestiti permezz ta' networks loġistiċi avvanzati bħal PRIME Tracked u IPC INTERCONNECT ([36]) li joffru traċċar, jistabbilixxu standards ta' konsenja u servizz affidabbli — simili għal dak li huwa mistenni min-networks tal-pakketti standard. B'riżultat ta' dan, minn perspettiva tal-konsumatur, l-ittri kbar internazzjonali issa huma għażla komparabbli għall-konsenji tal-kummerċ elettroniku ([37]).

(26) Madankollu, l-elementi ta' hawn fuq pjuttost jindikaw l-inklużjoni ta' ittri kbar li jiżnu sa 2 kg fl-istess kategorija bħal pakketti żgħar ħafna aktar milli l-inklużjoni tagħhom fil-kategorija ġenerali ta' servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti. Għalhekk, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ittri kbar u l-pakketti żgħar ħafna huma parti mill-istess suq. Ma hemm l-ebda ħtieġa li jiġi deċiż jekk il-konsenja ta' ittri kbar u ta' pakketti żgħar ħafna tappartjenix għall-istess suq bħall-konsenja internazzjonali standard ta' pakketti oħra jew għal suq separat, peress li r-riżultat tal-analiżi jibqa' l-istess taħt kwalunkwe definizzjoni tas-suq tal-prodotti (ara t-Taqsimiet 3.2.1.3 u 3.2.1.4) ([38]).

3.2.1.1.2. Definizzjoni tas-suq ġeografiku

(27) Skont l-applikant, is-suq ġeografiku rilevanti għas-servizzi ta' konsenja kemm domestika kif ukoll internazzjonali tal-pakketti jenħtieġ li jiġi definit bħala wieħed nazzjonali, u jkun jinkludi t-territorju tal-Estonja ([39]).

(28) Fid-deċiżjonijiet preċedenti tagħha ([40]), il-Kummissjoni kienet tal-fehma li s-swieq għas-servizzi ta' konsenja domestika u internazzjonali tal-pakketti, u kwalunkwe tqassim tagħhom, irrispettivament mid-differenza bejn dawk domestiċi u internazzjonali, għandhom ambitu nazzjonali. Il-pożizzjoni tal-applikant hija konformi mal-prattika tal-Kummissjoni.

(29) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni ta' ambitu differenti tas-suq ġeografiku, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE, l-ambitu ġeografiku tas-swieq għas-servizzi ta' konsenja domestika u internazzjonali tal-pakketti jista' jitqies li jkopri t-territorju tal-Estonja.

([30]) It-talba, il-punt 37.
([31]) L-email tal-applikant tad-29 ta' Awwissu 2025.
([32]) L-emails tal-applikant tad-29 ta' Awwissu u tal-5 ta' Settembru 2025.
([33]) Dawn l-operaturi ma jipprovdux ittri kbar. It-talba, il-punt 83, it-tabelli 1 u 2 u l-punt 84, fejn l-applikant jiċċara dan li ġej: "[…]".
([34]) It-talba, il-punt 42.
([35]) L-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fit-18 u fis-27 ta' Ġunju 2025 kif ukoll fid-29 ta' Awwissu u fil-5 ta' Settembru 2025.
([36]) L-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fit-18 ta' Ġunju 2025.
([37]) L-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fis-27 ta' Ġunju 2025.
([38]) L-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fid-29 ta' Awwissu u fil-5 ta' Settembru 2025.
([39]) It-talba, il-punti 61 u 65.
([40]) Pereżempju, ara d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3224 u (UE) 2019/1204, it-tnejn imsemmija hawn fuq. Ara wkoll il-Kawża COMP/M.5152 – Posten AB/Post Danmark A/S, tal-21.4.2009, il-punti 66 u 74.

3.2.1.2. Servizzi ta' konsenja domestika (standard u express) tal-pakketti – analiżi tas-suq

(30) Mill-2023, kien hemm 21 fornitur attiv ta' servizzi fis-suq għas-servizzi ta' konsenja domestika tal-pakketti ([41]), inkluż is-sussidjarji tal-operaturi postali nazzjonali, bħal DPD u SmartPosti.

(31) Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant, is-sehem mis-suq ta' Eesti Post, f'termini ta' valur, f'dan is-segment tas-suq kien ta' [20-25] % fl-2022, [20-25] % fl-2023 u [15-20] % fl-2024 ([42]).

(32) L-ishma mis-suq tal-kompetituri ewlenin ta' Eesti Post f'termini ta' valur għall-perjodu bejn l-2022 u l-2024 huma kif ġejjin: għas-sena 2022, DPD [15-20] %, SmartPosti [10-15] %, Venipak [10-15] %, Jet Express [5-10] %. Għas-sena 2023, l-ishma mis-suq huma kif ġejjin: DPD [15-20] %, SmartPosti [10-15] %, Venipak [10-15] %, Jet Express [5-10] %. Għas-sena 2024, l-ishma mis-suq tal-kompetituri ewlenin ta' Eesti Post huma kif ġejjin: DPD [15-20] %, SmartPosti [10-15] %, Venipak [10-15] %, Jet Express [5-10] % ([43]).

(33) Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant, is-sehem mis-suq ta' Eesti Post, f'termini ta' volum, kien ta' [20-25] % fl-2022, [20-25] % fl-2023 u [20-25] % fl-2024 ([44]).

(34) L-ishma mis-suq tal-kompetituri ewlenin ta' Eesti Post, f'termini ta' volum, għall-perjodu bejn l-2022 u l-2024 huma kif ġejjin: għas-sena 2022, DPD [15-20] %, SmartPosti [10-15] %, Venipak [10-15] %, Jet Express [5-10] %. Għas-sena 2023, l-ishma mis-suq huma kif ġejjin: DPD [15-20] %, SmartPosti [10-15] %, Venipak [5-10] %, Jet Express [5-10] %. Għas-sena 2024, l-ishma mis-suq tal-kompetituri ewlenin ta' Eesti Post huma kif ġejjin: DPD [15-20] %, SmartPosti [10-15] %, Venipak [5-10] %, Jet Express [0-5] % ([45]).

(35) Is-sehem mis-suq ta' Eesti Post naqas bi ftit matul l-aħħar 3 snin, għall-kuntrarju tal-ishma mis-suq tal-kompetituri ewlenin tagħha li spiss kienu qed jiżdiedu. B'riżultat ta' dan, id-distakk bejn Eesti Post u l-kompetituri ewlenin tagħha beda jonqos matul is-snin. Din il-bidla tkompli tikkonferma li Eesti Post qed tkun dejjem aktar soġġetta għal pressjoni kompetittiva. B'żieda ma' dan, il-fatt li 26 % tas-suq totali kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum huwa riżervat għal operaturi postali oħra iżgħar ikompli jikkonferma li l-attività hija esposta għall-kompetizzjoni.

(36) Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant, għall-kuntrarju tas-servizzi postali tradizzjonali li jirrikjedu liċenzja, ma hijiex meħtieġa liċenzja għall-forniment tas-servizzi ta' konsenja domestika tal-pakketti ([46]). Filwaqt li l-kumpaniji huma meħtieġa jinnotifikaw lill-Awtorità tal-Kompetizzjoni Estonjana meta jibdew l-attivitajiet kummerċjali tagħhom, l-applikant jiddikjara li l-proċess ta' notifika huwa pjuttost sempliċi u ma joħloq l-ebda ostaklu għall-operaturi li jixtiequ jidħlu fis-suq ([47]). Pereżempju, ir-reġistrazzjoni ta' entrant reċenti fl-Estonja, l-operatur postali Unisend Eesti OÜ, fl-2023, tindika li d-dħul fis-suq huwa proċess pjuttost bla xkiel ([48]).

([41]) It-talba, il-punt 181.
([42]) It-talba, il-punt 200, it-tabella 9, kif ukoll l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fit-13 ta' Mejju 2025.
([43]) It-talba, il-punt 200, it-tabella 9 kif ukoll l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fit-13 ta' Mejju 2025.
([44]) It-talba, il-punt 200, it-tabella 10, kif ukoll l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fit-13 ta' Mejju 2025.
([45]) *Ibid.*
([46]) It-talba, il-punt 27.
([47]) It-talba, il-punt 25.
([48]) It-talba, il-punt 182 u l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fit-30 ta' April 2025.

(37) Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant, il-kostijiet totali għad-dħul fis-suq jistgħu jiġu stmati għal bejn EUR 1 sa 1,5 miljun ([49]). Skont l-applikant, id-daqs ġeografiku relattivament żgħir tal-Estonja u l-infrastruttura żviluppata sew jagħmluha aktar faċli għall-kompetituri l-ġodda biex jibnu network kompetittiv f'perjodu ta' żmien raġonevoli li huwa stmat li jkun minn 3 xhur sa 6 xhur ([50]). Skont l-applikant, il-kompetituri l-ġodda jistgħu jadottaw "approċċ gradwali" għad-dħul fis-suq billi jiffokaw inizjalment fuq reġjuni urbani b'densità għolja (eż. Tallinn, Tartu) li jippermettilhom jevitaw il-kostijiet assoċjati mas-servizz ta' żoni rurali fl-istadji bikrija tal-penetrazzjoni fis-suq u mbagħad ikunu jistgħu jespandu l-kopertura tagħhom hekk kif in-negozju jikber ([51]).

(38) L-applikant iddikjara li d-dħul fis-suq ta' Unisend Eesti OÜ fl-2023 kien meqjus bħala fattur li jkompli jżid il-kompetizzjoni f'dan is-suq. B'mod partikolari, abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant, sa April 2025, Unisend Eesti OÜ kienet topera 173 loker għall-pakketti madwar l-Estonja ([52]), li jikkonferma xejra espansiva b'mod ġenerali.

(39) Fid-dawl tal-fatturi deskritti hawn fuq, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ssib li l-attività relatata mal-forniment tas-servizzi ta' konsenja domestika standard u express tal-pakketti fl-Estonja hija esposta direttament għall-kompetizzjoni. Konsegwentement, peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, jista' jiġi konkluż li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għall-kuntratti biex tiġi eżerċitata l-attività relatata mas-servizzi ta' konsenja domestika tal-pakketti.

3.2.1.3. Servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti – analiżi tas-suq

(40) Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant, hemm disa' fornituri tas-servizzi attivi f'dan is-suq, inklużi sussidjarji ta' operaturi postali nazzjonali bħal DPD u SmartPosti, b'mill-anqas ħamsa minnhom li għandhom sehem mis-suq ta' aktar minn 10 % ([53]). B'mod simili għas-suq domestiku, ma hemm l-ebda ostaklu legali jew regolatorju għad-dħul kif tindika r-reġistrazzjoni tal-operatur postali Unisend Eesti OÜ fl-2023 ([54]) u ma hijiex meħtieġa liċenzja għall-forniment ta' servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti ([55]).

(41) Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant, jekk is-suq għas-servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti jiġi definit bħala li jeskludi l-ittri kbar u l-pakketti żgħar ħafna, is-sehem mis-suq ta' Eesti Post, f'termini ta' valur, kien ta' [10-15] % fl-2022, [20-25] % fl-2023 u [15-20] % fl-2024 ([56]).

(42) L-ishma mis-suq tal-kompetituri ewlenin ta' Eesti Post, f'termini ta' valur, għall-perjodu bejn l-2022 u l-2024 huma kif ġejjin: għas-sena 2022, DHL [20-25] %, TNT/Fedex [20-25] %, DPD [15-20] %, SmartPosti [10-15] %, EKLT/UPS [5-10] %, Venipak [0-5] %. Għas-sena 2023, l-ishma mis-suq huma kif ġejjin: TNT/Fedex [20-25] %, DHL [15-20] %, DPD [10-15] %. SmartPosti [10-15] %, EKLT/UPS [5-10] %, Venipak [5-10] %. Għas-sena 2024, l-ishma mis-suq tal-kompetituri ewlenin ta' Eesti Post huma kif ġejjin: TNT/Fedex [20-25] %, DHL [15-20] %, DPD [15-20] %, SmartPosti [10-15] %, Venipak [5-10] %, EKLT/UPS [5-10] % ([57]).

(43) Skont l-informazzjoni sottomessa mill-applikant, is-sehem mis-suq ta' Eesti Post, f'termini ta' volum, kien ta' [10-15] % fl-2022, [25-30] % fl-2023 u [25-30] % fl-2024 ([58]).

([49]) Ara l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fit-13 ta' Mejju 2025.
([50]) It-talba, il-punt 223 u l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fit-13 ta' Mejju 2025.
([51]) Ara l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fit-13 ta' Mejju 2025.
([52]) It-talba, il-punt 183 u l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fis-7 ta' Mejju 2025.
([53]) It-talba, il-punt 91.
([54]) It-talba, il-punt 182 u l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fit-30 ta' April 2025.
([55]) It-talba, il-punti 145 u 27.
([56]) L-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fit-18 ta' Ġunju 2025.
([57]) *Ibid.*
([58]) *Ibid.*

(44) L-ishma mis-suq tal-kompetituri ewlenin ta' Eesti Post f'termini ta' volum għall-perjodu bejn l-2022 u l-2024 huma kif ġejjin: għas-sena 2022, DHL [15-20] %, TNT/Fedex [20-25] %, DPD [15-20] %, SmartPosti [15-20] %, EKLT/UPS [5-10] %, Venipak [0-5] %. Għas-sena 2023, l-ishma mis-suq huma kif ġejjin: TNT/Fedex [15-20] %, DHL [15-20] %, SmartPosti [15-20] %, DPD [10-15] %, EKLT/UPS [5-10] %, Venipak [5-10] %. Għas-sena 2024, l-ishma mis-suq tal-kompetituri ewlenin ta' Eesti Post huma kif ġejjin: TNT/Fedex [15-20] %, DHL [15-20] %, SmartPosti [10-15] %, DPD [10-15] %, Venipak [5-10] %, EKLT/UPS [5-10] % ([59]).

(45) Din l-analiżi ma tinbidilx jekk f'dan is-suq jiġu inklużi ittri kbar u pakketti żgħar ħafna. L-ishma mis-suq ta' Eesti Post għas-servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti, fejn dawn tal-aħħar huma definiti bħala ittri kbar u pakketti żgħar ħafna, huma kif ġej: għas-sena 2021, [35-40] % f'termini ta' volum u [20-25] % f'termini ta' valur; għas-sena 2022, [25-30] % f'termini ta' volum u [15-20] % f'termini ta' valur; għas-sena 2023, [30-35] % f'termini ta' volum u [20-25] % f'termini ta' valur ([60]). Bħala paragun, l-ishma mis-suq taż-żewġ kompetituri l-aktar qrib ta' Eesti Post kienu (bħala medja) ta' madwar [10-15] % f'termini ta' volum u ta' [15-20] % f'termini ta' valur fil-każ ta' DPD, u ta' [10-15] % f'termini ta' volum u ta' [10-15] % f'termini ta' valur, fil-każ ta' SmartPosti ([61]). Kompetituri b'saħħithom oħra fl-istess suq huma operaturi privati bħal TNT/Fedex, li matul l-istess perjodu kellhom sehem mis-suq (bħala medja) ta' [15-20] % f'termini ta' volum u [15-20] % f'termini ta' valur jew DHL, li kellha madwar [15-20] % f'termini ta' volum u [15-20] % f'termini ta' valur ([62]).

(46) Din id-data turi li l-forniment ta' servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti huwa pjuttost kompetittiv fl-Estonja.

(47) Fid-dawl tal-fatturi deskritti f'din it-Taqsima, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ssib li l-attività relatata mal-forniment tas-servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti ('il ġewwa, 'il barra) fl-Estonja hija esposta direttament għall-kompetizzjoni. Konsegwentement, peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, jista' jiġi konkluż li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għall-kuntratti biex tiġi eżerċitata l-attività tas-servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti ('il ġewwa, 'il barra).

3.2.1.4. Ittri kbar u pakketti żgħar ħafna – analiżi tas-suq

(48) Din it-taqsima tanalizza l-ishma mis-suq tal-operaturi tas-suq rilevanti, stmati mill-applikant, ([63]) fejn l-ittri kbar u l-pakketti żgħar ħafna huma definiti bħala suq separat, distint mis-servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti.

(49) L-applikant iddikjara li Eesti Post esperjenzat tnaqqis sinifikanti fl-ishma mis-suq għall-ittri kbar. Pereżempju, fl-2021, Eesti Post iġġestiet madwar 4,5 miljun ittra kbira ([20-25] % f'termini ta' volum u [10-15] % f'termini ta' valur), filwaqt li dan in-numru kien naqas għal 1,6 miljun ittra kbira fl-2023 ([5-10] % f'termini ta' volum, anqas minn [0-5] % f'termini ta' valur ta' EUR [1-5] miljun) u 1,3 miljun ittra kbira fl-2024, li jirrappreżenta tnaqqis ta' madwar 71 % ([64]). Skont l-applikant, it-tnaqqis ta' Eesti Post huwa prinċipalment attribwibbli għall-bidliet fil-preferenzi tal-konsumatur. B'mod partikolari, l-applikant jissuġġerixxi li l-konsumaturi qed jiffavorixxu dejjem aktar il-pakketti żgħar, li jistgħu jintbagħtu u jiġu riċevuti permezz tal-lokers għall-pakketti li huma aktar aċċessibbli, li spiss ikunu disponibbli 24 siegħa kuljum, u li joffru għażliet għall-ġbir aktar flessibbli mill-metodi ta' konsenja tradizzjonali ([65]).

([59]) *Ibid.*
([60]) It-talba, it-tabelli 3 u 4.
([61]) It-talba, it-tabelli 3 u 4.
([62]) *Ibid.*
([63]) Ara l-kjarifika fl-email tal-applikant tad-29 ta' Awwissu 2025: "[…]".
([64]) L-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fis-27 ta' Ġunju u fid-29 ta' Awwissu 2025.
([65]) *Ibid.*

(50) Fir-rigward tal-pakketti żgħar ħafna, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-applikant, Eesti Post esperjenzat ukoll tnaqqis żgħir minn madwar 5,7 miljun ([30-35] % f'termini ta' volum u [10-15] % f'termini ta' valur) fl-2021 għal madwar 5,3 miljun ([25-30] % f'termini ta' volum u [5-10] % f'termini ta' valur) fl-2023 ([66]). Bħala paragun, is-sehem mis-suq taż-żewġ fornituri l-oħra ta' pakketti żgħar ħafna fl-Estonja (jiġifieri SmartPosti/Itella u DPD) baqa' stabbli, bħala medja, f'[10-15] % f'termini ta' volum u f'[5-10] % f'termini ta' valur fil-każ ta' SmartPosti/Itella u f'[10-15] % f'termini ta' volum u f'[5-10] % f'termini ta' valur fil-każ ta' DPD fl-istess perjodu ([67]).

(51) Id-data indikata fil-premessi 49 u 50 turi li Eesti Post tilfet sehem mis-suq matul il-perjodu 2021–2023 meta mqabbla ma' operaturi oħra li jibqgħu kompetituri b'saħħithom. Barra minn hekk, kif deskritt hawn fuq fil-premessa 38, id-dħul ta' operatur ġdid (Unisend Eesti OÜ) huwa mistenni li jżid aktar dinamiżmu f'dan is-suq.

(52) Fid-dawl tal-fatturi deskritti f'din it-Taqsima, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ssib li l-attività relatata mal-forniment tal-ittri kbar u l-pakketti żgħar ħafna fl-Estonja hija esposta direttament għall-kompetizzjoni. Konsegwentement, peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, jista' jiġi konkluż li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għall-kuntratti maħsuba biex jippermettu l-eżerċitar tal-attività msemmija hawn fuq.

3.2.2. *Servizzi oħra għajr is-servizzi postali*

(53) Fir-rigward tas-servizzi tal-istampar u s-servizzi tal-imballaġġ, dawn jiġu offruti bħala pakkett ta' servizzi għal konsenja kollettiva li hija prattika komuni b'rabta mal-korrispondenza tal-massa. Il-pakkett jinkludi, fost affarijiet oħra, ir-riċevuta tad-dokumenti, l-istampar, l-għata u l-kisi, u l-imballaġġ. Sabiex tiżdied il-kosteffiċjenza, tali proċessi interni jiġu spiss esternalizzati mill-kumpaniji lil partijiet terzi.

(54) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-applikant ([68]), u filwaqt li jitqiesu d-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni ([69]), is-suq tal-prodotti rilevanti huwa definit bħala servizzi relatati mal-istampar u l-imballaġġ tal-oġġetti tal-posta. Il-pożizzjoni tal-applikant hija konformi mal-prattika tal-Kummissjoni ([70]).

(55) Skont id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni, is-suq għas-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ huwa wieħed nazzjonali fil-prinċipju. L-ewwel nett, il-faċilità tal-istampar hija organizzata fuq livell nazzjonali, minkejja li jista' jkun il-każ li xi stampar isir barra mit-territorju nazzjonali. It-tieni, hemm differenzi fl-ipprezzar bejn Stati Membri differenti. It-tielet, il-biċċa l-kbira ta' dawn is-servizzi jitwettqu għal konsenjaturi nazzjonali potenzjali jew reali bil-għan li jottimizzaw il-proċessi interni tagħhom u jnaqqsu l-kostijiet tagħhom ([71]). Id-definizzjoni proposta tal-applikant ta' servizzi għajr is-servizzi postali hija konformi mal-prattika tal-Kummissjoni ([72]). Minħabba li ma hemm l-ebda raġuni biex jiġi preżunt ambitu ġeografiku differenti tas-suq, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, is-suq ġeografiku għas-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ huwa wieħed nazzjonali.

([66]) L-emails tal-applikant tad-29 ta' Awwissu u tal-5 ta' Settembru 2025.
([67]) L-emails tal-applikant tad-29 ta' Awwissu u tal-5 ta' Settembru 2025. Kif imsemmi hawn fuq fin-nota 33 f'qiegħ il-paġna, dawn l-operaturi ma jipprovdux ittri kbar.
([68]) It-talba, il-punt 55.
([69]) Pereżempju, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1195 tal-4 ta' Lulju 2016 li teżenta s-servizzi tal-kurriera u servizzi oħra għajr is-servizzi postali fil-Polonja mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 197, 22.7.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2016/1195/oj).
([70]) It-talba, il-punt 56.
([71]) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2016/1195.
([72]) It-talba, il-punt 67.

3.2.2.1. Servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ – analiżi tas-suq

(56) Eesti Post, li hija l-uniku fornitur ta' servizzi soġġett għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku fis-suq għas-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ fl-Estonja, kellha sehem mis-suq ta' [25-30] % fl-2022, [30-35] % fl-2023 u [30-35] % fl-2024, kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum ([73]). Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant, bħala parti mill-pjan strateġiku fit-tul tagħha, Eesti Post qed tippjana li tneħħi gradwalment dan is-servizz tal-istampar u tal-imballaġġ sa Awwissu 2026. Minħabba dan l-għeluq ippjanat, Eesti Post ma tipprevedi l-ebda investiment sinifikanti f'dan is-suq ([74]).

(57) L-ishma mis-suq tal-kompetituri ewlenin ta' Eesti Post huma kif ġejjin: Unified Post AS kellha sehem mis-suq ta' [55-60] % fl-2022, [50-55] % fl-2023 u [50-55] % fl-2024, kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum ([75]); Joon OÜ kellha sehem mis-suq ta' [10-15] % fl-2022, [5-10] % fl-2023 u [10-15] % fl-2024, kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum ([76]). Barra minn hekk, irid jiġi nnotat li dawn il-kompetituri, għall-kuntrarju ta' Eesti Post, ma japplikawx ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku, li jagħtihom vantaġġ kompetittiv addizzjonali fuq Eesti Post.

(58) Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant, l-attività fis-suq rilevanti għas-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ ma hijiex soġġetta għal xi rekwiżit regolatorju li jillimita d-dħul fis-suq ([77]). B'żieda ma' dan, fl-2022, kien hemm 381 kumpanija li joperaw fis-segment tan-negozju klassifikat bħala "l-istampar u r-riproduzzjoni ta' media rreġistrata". Skont l-applikant, filwaqt li dan is-segment huwa usa' mis-suq għas-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ, il-preżenza ta' għadd sinifikanti ta' kumpaniji attivi f'dan is-segment tan-negozju usa' turi li s-settur huwa pjuttost kompetittiv u ġeneralment aċċessibbli ([78]). Kif deskritt fit-talba, il-kostijiet tad-dħul jistgħu jiġu stmati għal bejn EUR 150 sa 180 elf li, skont l-applikant, huma biżżejjed biex jiġġeneraw sehem mis-suq ta' mill-anqas 10 % ([79]).

(59) Fid-dawl tal-fatturi deskritti f'din it-Taqsima, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ssib li l-attività relatata mal-forniment tas-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ fl-Estonja hija esposta direttament għall-kompetizzjoni. Konsegwentement, peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, jista' jiġi konkluż li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għall-kuntratti maħsuba biex jippermettu l-eżerċitar tal-attività relatata mas-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2014/25/UE ma għandhiex tapplika għall-għoti ta' kuntratti minn entitajiet kontraenti u maħsuba biex jippermettu li jsiru l-attivitajiet li ġejjin fl-Estonja:

— is-servizzi ta' konsenja domestika (standard u express) tal-pakketti,

— is-servizzi ta' konsenja internazzjonali standard tal-pakketti,

— is-servizzi ta' ittri kbar u s-servizzi ta' pakketti żgħar ħafna,

— is-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ.

([73]) It-talba, it-tabella 23 tipprovdi data dwar l-ishma mis-suq ta' Eesti Post u tal-kompetituri tagħha fis-suq għas-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ.
([74]) Ara l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fil-25 ta' April 2025.
([75]) It-talba, it-tabella 23 tipprovdi data dwar l-ishma mis-suq ta' Eesti Post u tal-kompetituri tagħha fis-suq għas-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ.
([76]) L-ishma mis-suq ta' Eesti Post u tal-kompetituri tagħha huma bbażati fuq l-istimi ta' Eesti Post. Fl-istess ħin, Eesti Post tiddikjara li s-sehem mis-suq tagħha f'termini ta' volum huwa allinjat mill-qrib mas-sehem mis-suq tagħha f'termini ta' valur (ikkalkulat abbażi tad-data interna ta' Eesti Post). Minħabba n-nuqqas ta' data tas-suq aktar speċifika relatata mal-volum, l-applikant jassumi sitwazzjoni simili għall-kompetituri ta' Eesti Post.
([77]) It-talba, il-punt 288.
([78]) Ara l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant fil-25 ta' April 2025.
([79]) It-talba, il-punt 287.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Stéphane SÉJOURNÉ
Viċi President Eżekuttiv